DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1776

tat-28 ta' Settembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.

(2) Fil-31 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/621 ([2]).

(3) Fid-dawl tal-instabbiltà kontinwa u s-serjetà tas-sitwazzjoni fil-Libja, il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri restrittivi kontra tliet persuni jenħtieġ li jiġu estiżi għal perijodu ieħor ta' 6 xhur.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(2) għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati bin-numru 16, 17 u 18 fl-Anness II sat-2 ta' April 2018.

4. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 9(2) għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati bin-numru 21, 22 u 23 fl-Anness IV sat-2 ta' April 2018.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/621 tal-31 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 89, 1.4.2017, p. 10).